TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

Avviz Numru CCT 9/12/GZ

**Alfred Cassar**

**vs**

**Victor Vidal**

Illum 3 ta' Ottubru 2012

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fl-10 ta' Jannar, 2012 fejn ir-rikorrent talab rifuzjoni ta' erbgha mija u hamsin Ewro (€450.00), rapprezentanti l-prezz li huwa hallas lill-intimat sabiex isiru xogholijiet ta' tibjid, liema xogholijiet ma gewx kompluti mill-intimat.

L-intimat ipprezenta risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attenda ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrent li huwa l-istess rikorrent, u wara li sema' x-xhieda guramentata ta' l-intimat, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrent issottometta bil-miktub illi:-**

Huwa kien qabbad lill-intimat sabiex jixkatla u jizboh il-faccata tad-dar tieghu. Ftehemu fuq il-prezz u l-intimat kellu jibda ghal Lulju Awissu 2010, pero' fil-fatt huwa kien beda x-xoghol f'Settembru. L-intimat kien imur fuq il-post u wara ftit kien jitlaq. Meta bdiet ix-xita, ir-rikorrent kien qallu illi kien ikun ahjar jekk jieqaf ghal dak iz-zmien u jkompli wara, ghaliex ix-xoghol ma kienx gej tajjeb stante li l-faccata kienet imxarrba. Il-partijiet ftehemu illi x-xogholijiet kellhom jitkomplew f'Mejju 2011, fejn il-partijiet iffirmaw skrittura privata biex jekk l-intimat ma jmurx ikompli x-xogholijiet, huwa kellu jaghti l-flus lura lir-rikorrent. L-intimat kien spicca ma kompliex ix-xogholijiet.

Ir-rikorrent ezebixxa kopja ta' l-iskrittura privata datata 1 ta' Novembru 2010 u ffirmata mill-partijiet.

**L-intimat issottometta bil-miktub illi:-**

L-partijiet kienu ftehemu fuq prezz ta' sebgha mitt Ewro (€700.00) ghax-xogholijiet. Ir-rikorrent la hallas taz-zebgha, la tal-'high up' u lanqas tad-dawl (li nha minn ta' tahtu). L-ewwel darba li l-intimat staqsieh biex ihallsu xi haga, ir-rikorrent hallsu mill-ewwel. Ir-rikorrent kien waqqfu mix-xoghol, u l-intimat kien rega' talbu xi flus ghaliex kien ghad baqa' l-kont pendenti. Kull meta l-intimat kien imur sabiex jithallas, ma kienux jifthulu. Imbaghad, gurnata minnhom l-intimat rega' mar u sab lir-rikorrent bic-cheque lest, fejn kien hedded lill-intimat u qallu illi jekk ma kienx ser jiffirma l-iskrittura privata ma kienx ser jaghtih ic-cheque. L-intimat kien qallu illi ma kienx jaf jaqra u xtaq jiehu l-karta d-dar sabiex il-mara tieghu tkun tista' taqraha, pero' r-rikorrent ma halliehx jaghmel hekk. Illi ghalhekk l-intimat kien iffirma l-iskrittura privata sabiex jithallas.

Fil-bidu ta' Novembru, l-intimat kien rega' mar biex ikompli x-xoghol, pero' r-rikorrent ma riedx. Imbaghad, f'Awissu 2011, ir-rikorrent kien mar ghand l-intimat fejn qallu biex imur ikompli x-xohjolijiet, pero' l-intimat kien qallu li ghalissa ma setghax ikompli stante li l-mara tieghu kienet l-isptar. Meta l-mara tieghu rkuprat, l-intimat kien mar ghand ir-rikorrent sabiex ikompli x-xoghol, pero' r-rikorrent kien issuppervja u qallu: "Ara tkompli xejn. Tkompli xejn."

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrent, huwa rega' kkonferma l-verzjoni tieghu bil-miktub.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi l-intimat fix-xhieda guramentata tieghu rega' kkonferma l-verzjoni tieghu bil-miktub.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, flimkien mal-fatt illi l-intimat ghamel diversi attentati sabiex ikompli x-xogholijiet in kwistjoni, qed jilqa' t-talba tar-rikorrent in parte, stante illi xi xogholijiet fil-fatt saru da parte ta' l-intimat, pero' ghal diversi ragunijiet, fosthom is-suppervja tar-rikorrent, liema suppervja kienet evidenti mmens, tali xogholijiet qatt ma gew kompluti, billi qed jordna lill-intimat ihallas nofs l-ammont hekk mitlub mir-rikorrent, u cioe' l-

ammont ta' mitejn hamsa u ghoxrin Ewro (€225.00) lir-rikorrent, b'dan illi kull parti ghandha tbaghti l-ispejjez taghha.

**Avv. Gabrielle Zammit**
**Arbitru**